V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10918 – PETRONAS / DURIO / ORIM HOLDING)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 428/09)

1. Fit-28 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PETRONAS Trading Corporation SDN BHD ("PETRONAS", il-Malasja), ikkontrollata minn Petroliam Nasional Berhad (il-Malasja),

— Durio Invest BV ("Durio", in-Netherlands),

— Orim Holding Ltd ("Orim", Malta), bħalissa kkontrollata esklużivament minn Durio.

PETRONAS u Durio se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Orim.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— PETRONAS hija attiva fil-bejgħ u l-ipproċessar ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi fil-Lvant Nofsani, l-Asja-Paċifiku u l-Lvant Imbiegħed. Dan jinkludi l-provvista ta' żejt mhux maħdum li huwa adattat għall-produzzjoni ta' fuels tal-baħar. PETRONAS hija attiva wkoll fil-bejgħ bl-ingrossa ta' fuels tal-baħar permezz ta' provvisti minn fuq ix-xatt lil kumpaniji tal-bunkering u lil forniturі oħra tal-fuel tal-baħar mit-tankijiet tal-ħżin tagħha fil-Malasja u f'Singapore,

— Durio hija l-kumpanija azzjonista tal-fundaturi u s-sidien indiretti attwali ta' Orim. Durio ma għandha l-ebda attività diretta jew indiretta ħlief permezz ta' Orim.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Orim huma l-provvista ta' fuels tal-baħar u l-forniment ta' riforniment ta' bastimenti prinċipalment fir-reġjun ta' Amsterdam - Rotterdam - Antwerp, u f'Malta.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10918 – PETRONAS / DURIO / ORIM HOLDING

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.